

Brussell, 28 ta' Ottubru 2020  
(OR. en)

12386/20

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2020/0309(NLE)**

---

**WTO 293**  
**COASI 128**

#### **NOTA TA' TRASMISSJONI**

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	28 ta' Ottubru 2020
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2020) 678 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit skont il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika rigward l-emenda tal-Appendiċijiet 2-C-1 u 2-C-2 tal-Anness 2-C dwar il-Vetturi bil-Mutur u l-Partijiet

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2020) 678 final.

Mehmuż: COM(2020) 678 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 28.10.2020  
COM(2020) 678 final

2020/0309 (NLE)

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt stabbilit skont il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika rigward l-emenda tal-Appendiċijiet 2-C-1 u 2-C-2 tal-Anness 2-C dwar il-Vetturi bil-Mutur u l-Partijiet**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### **1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA**

Din il-proposta tikkonċerna d-Deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt stabbilit permezz tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika b'rabta mal-adozzjoni prevista ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt dwar l-emenda tal-Appendiċijiet 2-C-1 u 2-C-2 għall-Anness 2-C dwar il-Vetturi bil-Mutur u l-Partijiet.

### **2. KUNTEST TAL-PROPOSTA**

#### **2.1. Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija ekonomika**

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika ("il-Ftehim") għandu l-għan li jilliberalizza u jiffaċilita l-kummerċ u l-investment, kif ukoll jippromwovi relazzjoni ekonomika aktar mill-qrib bejn il-Partijiet. Il-Ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2019.

#### **2.2. Il-Kumitat Konġunt**

L-Artikolu 22.1(1) tal-Ftehim jistabbilixxi l-Kumitat Konġunt li jinkludi rappreżentanti miż-żewġ Partijiet. L-Artikolu 22.1(4) jipprevedi li sabiex jiġi żgurat li l-Ftehim jopera tajjeb u b'mod effettiv, "il-Kumitat Konġunt għandu:

- (a) jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu fl-ewwel laqgħa tiegħu; kif ukoll
- (b) fl-ewwel laqgħa tiegħu jadotta r-Regoli ta' Proċedura ta' Panel u l-Kodiċi tal-Kondotta għall-Arbitri kif imsemmi fl-Artikolu 21.30, kif ukoll il-Proċedura ta' Medjazzjoni kif imsemmi fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 21.6."

Skont l-Artikolu 22.2 (3), id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet kollha tal-Kumitat Konġunt għandhom jittieħdu b'kunsens.

#### **2.3. L-att previst tal-Kumitat Konġunt**

Sabiex jitqies l-iżvilupp regolatorju li seħħ fil-Ġappun u fl-UE fir-rigward tal-implimentazzjoni tar-regolamenti tal-UNECE, qed jiġi propost li l-Kumitat Konġunt jadotta deċiżjoni li temenda l-Appendiċijiet 2-C-1 u 2-C-2 tal-Anness 2-C tal-Ftehim. Il-modifiki jikkonsistu fl-inklużjoni tar-Regolamenti 53, 85, 145 u 146 tal-UNECE fl-Appendiċi 2-C-1, u t-tneħħija tar-Regolamenti 53 u 85 tal-UNECE mill-Appendiċi 2-C-2.

L-att previst se jsir vinkolanti fuq il-partijiet f'konformità mal-artikolu 22.2(1) tal-Ftehim, li jipprevedi: "Il-Kumitat Konġunt jista' jieħu deċiżjonijiet fejn previst f'dan il-Ftehim. Id-deċiżjonijiet meħuda għandhom jorbtu lill-Partijiet . Kull Parti għandha tiegħu l-miżuri neċessarji biex timplimenta d-deċiżjonijiet meħuda.

### **3. POŻIZZJONI LI TRID TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI**

Din il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar l-emenda tal-Appendiċijiet 2-C-1 u 2-C-2 tal-Anness 2-C tal-Ftehim.

Abbażi tal-valutazzjoni tal-ewwel Grupp ta' Ħidma dwar il-Vetturi bil-Mutur u l-Partijiet, il-Partijiet qablu li jirrakkomandaw lill-Kumitat Konġunt biex jadotta deċiżjoni li temenda l-appendiċi msemmija hawn fuq sabiex jirriflettu l-progress miksub fid-diskussjonijiet regolatorji tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE) sa mill-iffirmar tal-Ftehim.

L-inklużjoni ta' dawk ir-regolamenti addizzjonali tan-NU fl-Appendiċijiet rilevanti żżid iċ-ċertezza legali għall-operaturi ekonomiċi fir-rigward tal-qafas regolatorju tar-relazzjonijiet kummerċjali preferenzjali bejn il-Partijiet.

## **4. BAŻI ĠURIDIKA**

### **4.1. Bażi ġuridika proċedurali**

#### *4.1.1. Prinċipji*

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jstabbilixxu “il-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f’isem l-Unjoni f’ sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.”

Il-kunċett ta’ “atti li jkollhom effetti legali” jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali skont ir-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregola l-korp inkwistjoni. Jinkludi wkoll strumenti li ma jkollhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li “jistgħu jinfluwenzaw b’mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mill-korp leġiżlattiv tal-Unjoni”<sup>1</sup>.

#### *4.1.2. Applikazzjoni għal dan il-każ*

Il-Kumitat Konġunt huwa korp stabbilit bi ftehim, jiġifieri l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika.

L-att li l-Kumitat Konġunt huwa mitlub jadotta jikkostitwixxi att b’effetti legali. L-att previst se jsir vinkolanti skont id-dritt internazzjonali f’konformità mal-Artikolu 22.2 tal-Ftehim.

L-att previst ma jissupplimentax jew ma jemendax il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għaldaqstant, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

### **4.2. Bażi ġuridika sostantiva**

#### *4.2.1. Prinċipji*

Il-bażi ġuridika sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-objettiv u mill-kontenut tal-att previst li dwaru tittieħed pożizzjoni f’isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawn l-għanijiet jew il-komponenti jkun jista’ jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċement inċidental, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tkun imsejsa fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik rikjesta mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

#### *4.2.2. Applikazzjoni għal dan il-każ*

L-objettiv u l-kontenut ewlenija tal-att previst huma relatati mal-politika kummerċjali komuni.

Għalhekk, il-bażi ġuridika sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 207 tat-TFUE.

### **4.3. Konklużjoni**

Il-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 207 tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

---

<sup>1</sup> Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta’ Ottubru 2014 fil-Kawża C-399/12, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi 61 sa 64.

**5. PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST**

Billi l-att tal-Kumitat se jemenda l-Appendiċi 2-C-1 u 2-C-2 tal-Anness 2-C tal-Ftehim, huwa xieraq li dan jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* wara l-adozzjoni tiegħu.

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit skont il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika rigward l-emenda tal-Appendiċijiet 2-C-1 u 2-C-2 tal-Anness 2-C dwar il-Vetturi bil-Mutur u l-Partijiet**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta/kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika (“il-Ftehim”) jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2019<sup>2</sup>.
- (2) L-Anness 2-C dwar il-Vetturi bil-Mutur u l-Partijiet għall-Ftehim jipprovdi fl-Appendiċi 2-C-1 lista ta' Regolamenti tan-NU applikati miż-żewġ Partijiet u fl-Appendiċi 2-C-2 lista ta' Regolamenti tan-NU applikati minn waħda mill-Partijiet u li għadhom mhumiex ikkunsidrati mill-Parti l-oħra.
- (3) Mill-iffirmar tal-Ftehim, u bħala riżultat tal-progress fid-diskussjonijiet regolatorji fil-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE), il-Partijiet japplikaw Regolamenti tan-NU addizzjonali li ma kinux oriġinarjament elenkati fl-Appendiċijiet 2-C-1 u 2-C-2. L-inklużjoni ta' dawk ir-regolamenti addizzjonali tan-NU fl-Appendiċijiet rilevanti żżid iċ-ċertezza legali għall-operaturi ekonomiċi fir-rigward tal-qafas regolatorju tar-relazzjonijiet kummerċjali preferenzjali bejn il-Partijiet,
- (4) Skont l-Artikolu 23.2 (3) u 23.2 (4) (b) tal-Ftehim, f'konformità mal-proċeduri legali domestiċi rispettivi tal-Partijiet, il-Kumitat Konġunt jista' jadotta deċiżjonijiet biex jemenda l-Appendiċijiet 2-C-1 u 2-C-2 tal-Anness 2-C tal-Ftehim.
- (5) Huwa rekwiżit legali li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt, peress li d-deċiżjoni prevista tal-Kumitat Konġunt tkun vinkolanti għall-Unjoni.
- (6) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt se temenda l-Ftehim; Għalhekk huwa xieraq li dik id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* wara l-adozzjoni tagħha mill-Kumitat Konġunt,

---

<sup>2</sup> ĠU L 330, 27.12.2018, p. 1-2.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni għall-emenda tal-Appendiċijiet 2-C-1 u 2-C-2 tal-Anness 2-C tal-Ftehim li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt hija stabbilita fl-Anness.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

*Artikolu 3*

Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*